

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2015 – Anagnostakis vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-450/12) <sup>(1)</sup>

**(“Dritt istituzzjonali — Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropea — Politika ekonomika u monetarja — Nuqqas ta’ rimbors tad-dejn pubbliku — Stabbiliment tal-prinċipju tal-‘istat ta’ neċessità’ — Riffjut ta’ reġistrazzjoni — Attribuzzjonijiet tal-Kummissjoni — Obbligu ta’ motivazzjoni”)**

(2015/C 389/27)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Alexios Anagnostakis (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: A. Anagnostakis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Krämer u M. Konstantinidis, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 6289 finali, tas-6 ta' Settembru 2012, li tiċħad l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropea “Miljun firma għal Ewropa solidarja”, ippreżentata lill-Kummissjoni fit-13 ta' Lulju 2012.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Alexios Anagnostakis huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 339, 22.12.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2015 – Appelrath-Cüpper vs UASI**(Kawża T-60/13) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva AC — Trade marks nazzjonali u internazzjonali figurattivi preċedenti AC ANN CHRISTINE u Komunitarji figurattivi preċedenti AC ANN CHRISTINE OĊEAN u AC ANN CHRISTINE INTIMATE — Raġuni relattiva għal riffjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1) (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2015/C 389/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Reiner Appelrath-Cüpper Nachf. GmbH (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Schumann u A. Berger, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)